*Programm*
*tal-Festi Solenni f'ġieħ*

# il-Verġni Marija Assunta Inkurunata

*li se jiġu ċċelebrati fil-Parroċċa Arċipretali, Matriċi u Santwarju taż-Żebbuġ Għawdex*

**4 – 20 t'Awwissu 2017**



ritratt: MATTHEW VELLA

## IL-ĠIMGĦA 4 T'AWWISSU

Illum issir ġurnata adorazzjoni għas-suċċess spiritwali tal-festa. Wara l-Quddiesa tas-7.00p.m. tindaqq Mota Sollenni li tħabbar il-ftuħ tal-Festi.

## IS-SIBT 5 T'AWWISSU

*L-1 Jum tal-Kwindiċina. Jum L-Abbatini u l-Vokazzjonijiet.*

Fl-10.00a.m. Ħarġa għall-Abbatini kollha u wara Pizza Party. Fis-6.30p.m. Rużarju meditat, animat mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet u l-Abbatini, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet il-Kan. D. Reuben Micallef li fiha ssir il-Vestizzjoni ta' 3 abbatini ġodda.

## IL-ĦADD 6 T'AWWISSU

*It-2 Jum tal-Kwindiċina. Jum is-Soċjetà Missunarja Ta' San Pawl.*

Il-Quddies ikun fil-5.30a.m., fis-7.00a.m., fit-8.00a.m. fl-10.00a.m., u fl-4.30p.m. Fil-11.00a.m. Konċelebrazzjoni minn Fr. Frankie Cini Mssp, Superjur Provinċjali tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl, bis-sehem tal-membri u l-ħbieb tas-Soċjetà.

## IT-TNEJN 7 T'AWWISSU

*It-3 Jum tal-Kwindiċina. Jum il-Persuni b'Diżabbiltà.*

Fis-6.30p.m. Rużarju, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kan. Dun Michael J. Galea, bis-sehem tal-Membri taċ-Ċentru Persuni b'diżabbiltà. Wara nkomplu naqsmu l-ferħ tagħna magħhom permezz ta' Ikla flimkien, ġentilment offruta mill-Bar taċ-Ċentru Parrokkjali.

## IT-TLIETA 8 T'AWWISSU

*Ir-4 Jum tal-Kwindiċina. Jum il-Ġenerożita`.*

Fis-6.30p.m. Rużarju, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr. Joseph Borg MSSP. Illum isir talb speċjali għall-Benefatturi ħajjin u mejtin tal-Parroċċa. Tieħu sehem l-Għaqda Qlub Ġenerużi taż-Żebbuġ. Waqt l-offertorju jingħataw offerti ta' flus għad-Djar tal-Karita` tad-Djoċesi t'Għawdex, miġbura matul is-sena mill-Għaqda Qlub Ġenerużi tal-Parroċċa.

## L-ERBGĦA 9 T'AWWISSU

*Il-5 Jum tal-Kwindiċina.*
*Jum l-Għaqdiet Kulturali, Soċjali u Sportivi u l-Voluntiera kollha.*

6.30p.m. Rużarju, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr. Norbert Bonavia MSSP, Superjur ta' Dar 'Stella Maris' fiż-Żebbuġ, bis-sehem tal-membri tal-Għaqdiet Soċjali tal-Parroċċa: is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, is-sotto-kumitati tan-Nisa u taż-Żgħażagħ, l-Għaqda tan-Nar, l-Għaqda tal-Armar, l-Għaqda tal-Qniepen, il-Grupp tal-Voluntiera tal-Knisja, iż-Żebbuġ Rovers F.C., il-Grupp tan-Nisa li jieħdu ħsieb it-tindif tal-Knisja, dawk li jqassmu l-Bullettini u l-voluntiera kollha li jgħinu fil-Parroċċa.

## IL-ĦAMIS 10 T'AWWISSU

*Is-6 Jum tal-Kwindiċina. Jum is-Saċerdozju Kattoliku.*

6.30p.m. Rużarju, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Paolo Cardona, delegat tal-Isqof għall-Kleru, bis-sehem tas-Saċerdoti kollha Żebbuġin u dawk li jagħtu servizz pastorali jew liturġiku fil-Parroċċa.

Fit-8.30p.m. Serata ta' divertiment għaż-Żgħażagħ u l-familji kollha fi Pjazza l-Assunta, organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija, imtella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ.

## IL-ĠIMGĦA 11 T'AWWISSU

*Is-7 Jum tal-Kwindiċina. Jum il-Benefatturi Ħajjin u Mejtin*

6.30p.m. Rużarju, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Rev. Major Fr. Joseph Vella, li fiha jsir talb speċjali għall-Benefatturi kollha.

Fit-8.30p.m. Ikla Tradizzjonali fil-Pjazza bis-sehem ta' Cini Brothers Band, Marisa D'Amato u gruppi oħra. Ikun hemm ukoll spettaklu ta' kant u żfin.

## IS-SIBT 12 T'AWWISSU

*Jum it-Tfal. Ħruġ tal-istatwa min-niċċa*

Fis-6.30p.m. Rużarju animat mit-Tfal, Kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr. Geoffrey G. Attard, għat-Tfal kollha tal-Parroċċa li huma mistiedna jġibu magħhom xemgħa biex joffruha lil S. Marija. Il-ferta waqt il-Quddiesa llum tmur b'risq il-'Fondazzjoni Jason Azzopardi', biex jiġu mgħejjuna tfal mill-Parroċċa li jkollhom bżonn ta' kura medika speċjalizzata.

Wara l-Quddiesa, fil-Pjazza t-Tfal kollha jingħataw ġelat. Fit-8.00p.m. Marċ mill-Banda 'Viżitazzjoni' tal-Għarb minn ħdejn il-Każin tas-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija fi Triq il-Knisja sal-Knisja Parrokkjali, fejn l-istess Banda takkumpanja l-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa, fost il-kant tal-innijiet reliġjużi. Wara l-istess Banda tkompli ddoqq Marċi briju-żi fit-toroq ewlenin tar-raħal.

## IL-ĦADD 13 T'AWWISSU

*Id-9 Jum tal-Kwindiċina. Jum il-Familja.*

*Il-Quddies ikun fil-5.30a.m., fis-7.00a.m., fit-8.00a.m., fl-10.00a.m., u fl-4.30p.m.*

Fil-11.00a.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr. Louis Mallia Mssp, Direttur taċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja fi ħdan is-Soċ.Missjunarja ta' San Pawl, li għaliha huma mistiedna l-familji kollha, b'mod speċjali l-koppji li din is-sena qegħdin jiċċelebraw l-10, il-25 u l-50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom. Wara jingħataw tifkira tal-okkażjoni.

Fis-7.00p.m. 'Trumpets Shall Sound', Kunċert mill-Kurunettista Internazzjonali Helge Haukas (Norway), flimkien ma' Jason Camilleri (Għawdex), akkumpanjati fuq l-Organ minn Mro. Franco Cefai, fil-Knisja Parrokkjali. Dħul b'xejn.

## IT-TNEJN 14 T'AWWISSU

*L-10 Jum tal-Kwindiċina. Jum il-Morda u l-Anzjani .*

Fil-5.00p.m. Konċelebrazzjoni minn Dun Ġorġ Vella, li fiha jiġi amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda lill-Anzjani u Morda mill-Parroċċa. Ikun hemm trasport organizzat għal dawk l-anzjani li m'għandhomx min iwassalhom il-Knisja. Wara jkun hemm refreshments fl-annexe tal-Knisja.

Fis-6.30p.m. Rużarju, kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kan. Dun Noel Saliba b'radd ta' ħajr għall-20 sena ta' servizz liturġiku mill-Kor 'Regina Angelorum'

Fit-8.00p.m. Kunċert Korali miż-żewġ Korijiet tal-Parroċċa 'Regina Angelorum' u Santa Marija, amalgamati flimkien, fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kor Regina Angelorum, bis-sehem ta' Jacob Portelli fuq l-Arpa u Mro. Franco Cefai fuq l-Orgni u Pjanu.

## IT-TLIETA 15 T'AWWISSU

*Il-11 Jum tal-Kwindiċina. L-Għid tal-Assunta.*
*Solennita` tat-Tlugħ Fis-Sema ta' Marija. Jum iż-Żgħażagħ.*

*Filgħodu l-quddies ikun fil-5.30a.m.,fis-7.00a.m., fit-8.00a.m. u fl-10.00a.m. Illum il-Quddiesa ta' filgħaxija ma ssirx.*

Fil-11.00a.m. Quddiesa mmexxija minn Dun Joseph Attard, bis-sehem attiv taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa. Il-kant tal-Quddiesa jiġi animat mill-Kor Regina Angelorum tal-Parroċċa tagħna.

Inheġġu lil kulħadd biex inħarsu dan il-Jum Sollenni b'Quddiesa u Tqarbina.

## L-ERBGĦA 16 T'AWWISSU

*L-1 Jum tat-Tridu. Jum l-Għaqdiet Kattoliċi.*

Fis-6.30p.m. Rużarju u Kurunella. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni tal-Ewwel Jum tat-Tridu, immexxija minn Mons. Gużeppi Cauchi, Rettur tal-Knisja ta' Pompej fir-Rabat, bl-Omelija minn Patri Joseph Formosa OFM Conv., li fiha jieħdu sehem attiv il-membri tal-Għaqdiet reliġjużi (Leġjunarji, Membri tal-Azzjoni Kattolika, membri tal-Museum, dawk li jiltaqgħu għall-Lectio Divina u l-Katekisti).

Fit-8.30p.m. Programm Mużikali 'Assumptafest 2017' mill-Banda Santa Marija fi ħdan is-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija taż-Żebbuġ, fi Triq il-Knisja u wara Inawgurazzjoni tas-Sala tal-Arkivju fil-Każin.

## IL-ĦAMIS 17 T'AWWISSU

*It-2 Jum tat-Tridu.*
*Jum l-Animaturi tal-Liturġija: Letturi, Animaturi u Kanturi.*

Fis-6.30p.m. Rużarju u Kurunella. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni tat-Tieni Jum tat-Tridu minn Mons. Carmelo Borg, Rettur tal-Knisja tal-Lunzjata, bl-Omelija minn Patri Joseph Formosa OFM Conv.. Jieħdu sehem il-membri tal-Kor ta' Santa Marija, il-Kor *Regina Angelorum*, il-membri tal-Orkestra tal-Parroċċa, il-gruppi tal-kitarri, kif ukoll l-animaturi tal-liturġija, il-letturi u l-ostjarji. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fit-8.30p.m. Barbeque kbir, maġenb il-knisja, organizzat miż-Żebbuġ Rovers Football Club, animat minn diversi kantati ta' fama nazzjonali.

## IL-ĠIMGĦA 18 T'AWWISSU

*It-3 Jum tat-Tridu.*
*Is-37 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari.*
*Jum l-Emigranti u Żebbuġin li jgħixu barra mill-parroċċa.*

Fis-6.30p.m. Rużarju u Kurunella. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni Sollenni tat-Tielet Jum tat-Tridu mmexxija minn Mons. Carmelo Gauci, Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. L-Omelija ssir minn Patri Joseph Formosa OFM Conv.. Mistiedna speċjali l-Emigranti u ż-Żebbuġin li jgħixu barra mill-Parroċċa. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fi tmiem il-funzjoni jkun hemm bibita.

Fid-9.30p.m. Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Marija ta' barra (Kav. Agostino Camilleri. 1962) akkumpanjata mill-Banda 'Santa Marija' taż-Żebbuġ u mill-Banda 'Victory' tax-Xagħra, li tibda minn Triq il-Kaċċaturi għal Pjazza l-Assunta. Fil-11.45p.m. Waqt il-kant tal-Innu Popolari lill-Assunta, l-istatwa ta' Santa Marija tittella' fuq il-pedestall fi Pjazza l-Assunta.

## IS-SIBT 19 T'AWWISSU

*LEJLIET IL-FESTA.*

Fis-7.30a.m. Quddiesa Sollenni bil-Kant tat-Te Deum bħala ringrazzjament fl-għeluq tal-Kwindiċina.

Fis-2.00p.m. Tiġrijiet tal-bhejjem fi Triq iż-Żebbuġ organizzati mid-delettanti taż-Żebbuġ, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ.

Fis-6.30p.m. Translazzjoni bir-Relikwija tal-Madonna mill-Kappella tal-Każin tal-Banda Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali u wara Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija mill-W.R. Mons. Tarċisju Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi. Wara tingħad il-Kurunella ta' Santa Marija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fid-9.30p.m. il-Banda Santa Margerita ta' Sannat ittella' programm mużikali fuq il-planċier fi Pjazza l-Assunta. Fid-9.30p.m. Marċ mill-Banda 'San Girgor' ta' Kerċem li jibda minn Pjazza l-Assunta għal Triq il-Knisja. Fl-10:30p.m. - Inawgurazzjoni tall-ewwel fażi mill-proġett-sorpriża imniedi mis-Sezzjoni Żgħażagż fi ħdan is-Soċ. Filar. Santa Marija, akkumpanjata minn esebizzjoni artistika b'dawl, mużika u nar sinkronizzat. Wara jitkompla l-Marċ li jintemm fi Pjazza l-Assunta f'nofsillejl. F'12.00a.m. 'Pyrodance', Programm oriġinali ta' Logħob tan-Nar sinkronizzat mal-mużika.

## IL-ĦADD 20 T'AWWISSU

*JUM IL-FESTA TAL-ASSUNTA INKURUNATA.*
*Jum il-Komunita` Parrokkjali.*

*Fil-għodu l-quddies ikun fil-5.30a.m., fis-7.00a.m., fit-8.00a.m. u fil-11.00a.m.*

Fid-9.00a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Sollenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, flimkien ma' rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali u mas-Saċerdoti tal-Parroċċa, li fiha Patri Joe Buttigieg, Gwardjan tal-Kunvent tal-Kapuċċini fir-Rabat, jagħmel l-Omelija. Fi tmiem il-Pontifikal, jingħata l-Premju tal-Fondazzjoni 'Arċipriet Dun Franġisk Mercieca u Mons Luigi Vella'.

Fil-11.30a.m. Marċ brijuż mill-Banda Santa Marija mat-toroq ewlenin tar-raħal.

Fis-6.30p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċ. Trevor Sultana (Għarb), bis-sehem tal-Orkestra tal-Parroċċa. Fis-7.30p.m. Ħruġ tal-Purċissjoni mmexxija minn Mons. Arċ. Trevor Sultana. Il-Banda 'Santa Marija' taż-Żebbuġ, issellem lil Santa Marija bl-innu ġdid 'L-Isbaħ Ġawhra ta' Raħalna' fuq versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard u mużika ta' Mro. Franco Cefai u mbgħad bl-Innu 'Alla Beata Vergine Maria Assunta in Cielo', fuq versi ta' Giuseppe Serafino Cutajar u mużika ta' Mro. Willie Attard, bis-sehem tal-Baritonu Godwin Cini, it-Tenur Matthew Cini, is-Sopran Jacqueline Vella u l-Kor 'Santa Marija'. Wara l-Banda 'Santa Marija' taż-Żebbuġ iddoqq l-Innu Popolari lill-Assunta u takkumpanja l-Purċissjoni b'Marċi u innijiet Reliġjużi. Waqt il-Purċissjoni tiġi reċitata t-talba tar-Rużarju. Fit-8.00p.m. Programm mużikali fi Pjazza l-Assunta mill-Banda Ċittadina 'Leone' tal-Belt Victoria. Wara dħul tal-Purċissjoni waqt il-kant tal-Innu Popolari lill-Verġni Assunta. Tingħata l-Barka Sagramentali u jsir il-bews tar-Relikwija.

## IT-TLIETA 22 T'AWWISSU

*Festa ta' Marija Reġina. Jum ta' Radd-Il Ħajr.*

*Fil-għodu l-quddies ikun fil-5.30a.m. u fis-7.00a.m.*

Fis-6.30p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-7.00p.m. Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr immexxija mill-Arċipriet il-Kan. Dun Reuben Micallef, flimkien mas-Saċerdoti tal-Parroċċa. Wara jsir id-dħul tal-vara ta' Santa Marija fin-Niċċa.

## OPRI ĠODDA

- Tlestija tax-xogħol ta' restawr fuq il-Koppla tal-Knisja.
- Restawr estensiv fuq żewġt itwieqi oħra tal-Koppla u bdil tal-ħġieġ kollu tagħhom.
- Żieda u tkomplija ta' vestwarju ġdid għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira
- 54 konfratija ġdida għar-reffiegħa tal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira.
- 2 Linef ġodda tal-kristall kompluti bil-loppi.
- Sistema ġdida ta' Cordless microphone għall-Knisja.
- 8 siġġijiet tal-kewkba għall-presbiterju tal-Knisja.
- Manutenzjoni taz-zokklatura tan-navi (Carmelo Cini).
- 2 Kanopewiet ġodda (aħdar u vjola) ħjata ta' Rita Dimech.
- Slab Scissor-lift/Lifter għall-armar tal-Knisja.
- Missal ġdid għall-liturġija.
- 3 kontenituri tar-ram għaż-Żjut Imqaddsa.
- Lampier ġdid tal-fidda għall-Kappella tal-Kunċizzjoni (irregalat minn Francis u Giovanna Saliba).
- Sistema ġdida ta CCTV Cameras u burgler-theft alarm għall-Knisja.

## ĦIDMA MILL-GĦAQDA TAL-ARMAR 'SANTA MARIJA'

- Restawr estensiv fuq l-istatwa tal-Papa Ljun XIII ( xogħol Manuel Farrugia – Victoria, bil-għajnuna ta' William Camilleri).
- Induratura tal-istess statwa ta' Papa Ljun XII minn Helen Mercieca.
- Tkomplija tal-mili tal-forom tal-pilandri fil-*fibreglass.*
- Tkomplija tal-induratura tal-forom tal-pedestalli.
- Irħamar tal-pilandri l-ġodda ta' Triq il-Knisja.

*NOTI ĠENERALI*

Fil-ġranet tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa tieħu sehem l-Orkestra tal-Parroċċa, li tkun taħt id-direzzjoni tal-Mro. Franco Cefai, flimkien mal-Kor 'Santa Marija' * Il-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Grech. * Il-Korijiet 'Santa Marija' u 'Regina Angelorum' ikunu taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Marija Cefai u tas-Sinjura Jacqueline Vella. * In-Nar fil-ġranet tal-Festa se jkun maħdum mill-'Madonna tal-Virtu' Fireworks Factory' tal-Għarb u '12th May Fireworks Factory' ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-logħob tan-Nar kollu hu 'kkoordinat mill-Għaqda tan-Nar tar-raħal.

gozopress
Ritratt: Matthew Vello